XGĦAJRA

Minuti tas-sitt laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fit-12 ta' Jannar, 2010 fil-5:30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Il-Membri** |
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Vici Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttigieg |
| | Mario Buhagiar |
| | Mary Claire Depasquale |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kulħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Il-minuti ġew moqrija pero kien hemm bzonn xi tibdiliet bi klarifiki. Dawn il-minuti se jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – *Matters Araising* - mill-minuti tal-laqgħa ta' qabel:

   i) Fost l-ismijiet suġġeriti mill-Kunsilliera ġie magħżul l-isem ta' Triq ġdida fi Triq il-Knisja dak ta' San Ġorġ Preca, il-Qaddis Malti.

   ii) A rigward *Green Dot Skips* u ż-żewġ siti tagħhom flimkien ma' dik ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzi, li kienet ġestita mill-*Wasteserv* għal ġbir ta' skart separat, issa mill-1 ta' Jannar, ta' din is-sena, ġie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill u *Green Dot Malta Ltd.* biex dan l-iskart separat jinġabar mill- *Green Dot Malta Ltd.* bla ħlas. L-*iskips* forma ta' lanġasa fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja issa għaddew f'idejn il-Kunsill b'kera ta' € 100 fis sena ta' kull *skip*. Min naħħa tal-Kunsill għal dak li jirrigwardja l-

ġbir ta' l-iskart separat ħadet l-inkarigu il-kumpanija *Green Dot Malta Ltd.* liema kumpanija hija akkreditata biex tagħmel dan ix-xogħol mill-Gvern Ċentrali. Il-Gvern Ċentrali kien akkredita żewġ kumpaniji għal Kunsill u kienet il-*Green Dot Malta Ltd.* li rrispondiet mingħajr dewmien.

iii) It-tenders għal faċilitajiet sportivi u rekrejattivi, flimkien ma' oħrajn li kien jinħtieġ skond struzzjonijiet mill-uffiċju tal-Kunsilli Lokali ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern ta' 24 ta' Diċembru 2009 kif ukoll fil- Malta Indipendent ta' 28, 29,30 ta' Diċembru 2009. It-*tenders* jgħalqu fid-29 ta' Jannar 2010.

iv) A rigward il-*Bye-Law* dwar *Street Furniture* użata u mpoġġija f'siti fil-lokalita' tax-Xgħajra l-Kunsilliera Sinjura Marie Claire Depasquale li kienet assenjata sabiex tipprepara id-*draft* ta' din il-*Bye-Law* irrimarkat li hi kienet bagħtet kopja tad-draft lis-Sindku pero' ma kienitx irċeviet risposta u li għad trid tipprepara draft ta' l-abbozz bil-Malti. Intlaħaq ftehim li l-Kunsilliera Sinjura Marie Claire Depasquale tiffinalizza l-partijiet pendenti tal-abbozz ta' din il-*Bye-Law* u tippresentha fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u dan biex il-Kunsill ikompli l-proċeduri biex din il-*Bye-Law* tkun finalment ippublikata u effettiva.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda-Korrispondenza:

(i) Qed isir korrispondenza fejn il-Kunsill u l-kumpanija GO plc. a rigward tpoġġija ta' *Street Furniture* tal-kumpanija. Billi l-Kunsill qed jitlob kumpens forma ta' għotjiet ta' apparat, eċċ. lin-*nursery* ta' Xgħajra Tornadoes F.C. Billi l-Kunsill wara din it-talba ma ħax l-ebda risposta, bħala ġest ta' protesta tan-nuqqas ta' koperazzjoni daparti tal-kumpanija GO plc. u dan billi njorat totalment diversi *reminders*, il-Kunsill irrefjuta l-iffirmar ta' *'No Objection'* għal permessi li jenħtieġu biex il- GO plc. qed tagħmel ix-xogħol. Jidher li kien hemm impass u l-GO plc. ser jiġu mistoqsija sabiex jintervienu biex tinstab soluzzjoni.

(ii) Stedina biex il-Kunsill jieħu sehem f'Konferenza Nazzjonali imtellgħa mill-Ministeru għall-Politika Soċjali, li se ssir il-Ġimgħa, 22 ta' Jannar 2010 u s-Sibt, 23 ta' Jannar 2010 fid- *Dolmen Resort Hotel*, il-Qawra.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGHAJRA

It-tema tal-programm maħruġ hija *'Il-Familja ilbieraħ, illum, għada'*. Din l-istedina ġiet mgħotija lil Kunsilliera kollha.

(iii) B'korrispondenza bejn l-Assoċazzjoni il-Kunsill Lokali u l-*Green dot Malta Ltd.* qed isiru tentativi biex jinġabar skart kummerċjali mill-ħwienet fil-Lokalita' inkludi tax- Xgħajra.

5. Item Nru.5 fuq l-aġenda-

Approvati l-infieq ta' *invoices* riċevuti fix-xahar ta' Diċembru 2009 u ratifikati dawk imħallsa.

6. Item Nru.6 fuq l-aġenda -

Il-*Bonus* tas-Segretarju u *Clerk* (Deputat Segretarja) kienu approvati b'erbgha Kunsilliera favur u l-Kunsilliera Marie Claire Depasquale asteniet.

7. Item Nru. 7 fuq l-aġenda –

Il-Kumitat għal aġudikkazzjoni u ftuħ ta' *tenders* għalkemm skond l-ordnijiet fil-proċeduri tat-tenders jindikaw li s-Segretarju u żewġ membri oħra tal-Kunsill għandhom jiftħu l-offerti f'nofs inhar tad-29 ta' Jannar 2010, ġie deċiż unanimament li mas-Segretarju Eżekuttiv ikun preżenti l-Kunsill kollu u li dawn ikunu jifformaw il-Kumitat ta' l-għażla flimkien mall-Perit tal-Kunsill waqt l-aġġudikazzjoni.

8. Item Nru. 8 fuq l-aġenda –

Kif ġie aċċernat fil-*'Matters araising'* id-*Draft* tal-*Bye-Law* għandu jiġi ffinalizzat mill-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Depasquale u sussegwetament jiġi approvat biex titkompla l-proċedura għal pubblikazzjoni ta' din *Bye-Law*.

9. Item Nru. 9 fuq l-aġenda -

A rigward EIA/EIS dwar l-STP, Il-Kunsill rċieva *hard copy* u *diskette* ta' dawn l-istudji għad-dispożizzjoni ta' kull Kunsillier u li nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar, 2010 fil-11 am għanda issir preżentazzjoni fl-uffiċini tal-Kunsill u

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGHAJRA

jiġi spjegat aktar fid-dettal lill-Kunsill dawk l-implikazzjonijiet riżultanti minn emendi tal-pjan oriġinali u li diġa kienu saru EIA/EIS.

10. Item Nru. 10 fuq l-aġenda – Aġġornament

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 29 ta’ Jannar, 2010 fil-11:30 ta’ filgħodu biex jinfetħu t-*tenders* u l-*quotations*.

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt